SAN GILJAN

# KUMITAT AMMINISTRATTIV PACEVILLE

## MINUTI

### Laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv Paceville

### Laqgħa Nru. 37/KA2/18

10 ta' Jannar 2018

Il-Kumitat Amministrattiv Paceville ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Forrest, San Ġiljan fl-4.00 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

Iċ-Ċermen Michael La Rosa
Il-Membru Joe Oliva
Il-Membru Maria Dolores Falzon
Il-Membru Richard Scicluna

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (1)**

Il-Viċi Ċermen Albert Bonello Ghio – Inc. P21/18

**Assenti:**

L-ebda Membru ma' kien assenti.

**Uffiċjal Preżenti**

Paul Spiteri – Segretarju Eżekuttiv
Cher Carmen Fenech - Skrivana

**Minuti**

Iċ-Ċermen, is-Sur Michael La Rosa ppresieda l-laqgħa.

**Talba**

Inqrat it-Talba.

**Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033**
Tel: 21373111  Fax: 21373444
**email:** sangiljan.lc@gov.mt

**37.01 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

37.01.01 Il-Viċi Ċermen Albert Bonello Ghio nforma lill-Kumitat Amministrattiv li ma setax jattendi minħabba raġunijiet personali. Il-Kumitat ma sab l-ebda oġġezzjoni.

**37.02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

37.02.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 36/KA2/17 għall-approvazzjoni.

37.02.02 Il-Membru Joe Oliva ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

37.02.03 Il-Membru Maria Dolores Falzon issekondatu.

37.02.04 Il-Kumitat qabel unanimament.

**Punti mqajjma mill-Minuti**

37.02.04.01 Is-Segretarju qajjem il-punt dwar is-sitwazzjoni ta' l-Imwejjed u Siġġijiet li hemm barra tar-restaurants f' Paceville, huwa ssuġġerixxa li għandha tintbaghat ittra lill-Enforcement tal-MEPA, Enforcement tal-Lands Department u l-Enforcement tal-Malta Tourism Authority biex għal darb'oħra tiġi spjegata s-sitwazzjoni li hemm ġewwa Paceville, fejn f'din l-ittra jingħata perjodu għal risposta u azzjoni u f'każ li l-Kumitat ma jirċievi l-ebda risposta oħra, ser ikun qiegħed jieħu azzjonijiet oħra.

**37.03 Komunikazzjoni miċ-Ċermen;**

37.03.01 Iċ-Ċermen ġibed l-attenzjoni dwar l-ħofra li hemm quddiem it-taraġ ta' Paceville fi Triq Santu Wistin, huwa ġie nfurmat li nħarġet *works order* lill-kuntrattur ikkonċernat sabiex din tiġi rranġata.

37.03.02 Tqajjem il-punt li ġewwa Paceville hemm ħafna tappieri tal-plastic li hemm fuq il-bankini għandhom bżonn jinbidlu. Ġie ssuġġerit li l-*handyman* tal-Kunsill għandu jdur Paceville sabiex jiġu rranġati t-tappieri li hemm sfrundati fuq il-bankini.

37.03.03 Is-Segretarju nforma lill-Kumitat li llum qed titwaħħal *camera* ġdida taħt il-*burger king* minħabba l-ammont kbir ta' skart li jintefa.

37.03.04 Il-Kumitat ġie nfurmat li hemm id-*dog litter bin* fejn l-iskips ħdejn id-Dragonara biex jitnaddaf.

**37.04 Talbiet żgħar;**

37.04.01 **Email sabiex ikun hemm aktar sorveljanza f'Paceville filgħaxija.**

37.04.01.01 Il-Kumitat Amministrattiv ġie nfurmat dwar email li l-Kunsill irċieva mingħand il-Pulizija dwar aktar sorveljanza f' Paceville filgħaxija.

**37.04.04 Talba sabiex il-bollards ta' Triq San Ġorġ jiġu aktar flessibli**

37.04.01.02 Saret riferenza għat-talba sabiex il-bollards ta' Triq San Ġorġ jiġu aktar flessibli. Is-Segretarju spjega kif fil-laqgħa li saret mal-*Malta Tourism Authority*, dawn il-*bollards* ser jiġu motariżżati u ser ikunu kkontrollati mill-Pulizija.

37.04.03 **Email mingħand is-Sinjura Marie-Jeanne Borg dwar kors li ser isir bil-Malti**

37.04.03.01 Il-Kumitat ġie nfurmat bl-email li l-Kunsill irċieva mingħand is-Sinjura Marie Jeanne Borg dwar kors li ser isir tal-Malti. Għaldaqstant kull min hu interessat jista' jattendi u jinforma lill-Amministrazzjoni tal-Kunsill sa mhux aktar tard min-nhar il-Ġimgħa 12 ta' Jannar 2018.

**37.05 Ħidma għas-sena 2017;**

37.05.01 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-Ħidma għas-sena 2017 u ta spjegazzjoni tiegħu.

37.05.02 Wara diskussjoni qasira, il-Membru Joe Oliva ppropona l-approvazzjoni ta' l-Ħidma għas-sena 2017.

37.05.03 Il-Membru Maria Dolores Falzon ssekondatu.

37.05.04 Il-Kumitat qabel unanimament.

37.05.05 Ġie deċiż li l-Laqgħa Ġenerali tal-Kumitat Amministrattiv ser issir nhar il-Ġimgħa 16 ta' Frar 2018 fis-6.00p.m. ġewwa l-Millenium Chapel.

37.05.06 Saret diskussjoni wkoll dwar il-pjan ta' Ħidma għal l-2018 ġewwa Paceville.

**37.07 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' *Purchase Request Sheets***

37.07.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Purchase Request Sheet min-nru. P545 sa P547.

37.07.02 Il-Membru Maria Dolores Falzon ppropona l-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets min nru. P545 sa P547.

37.07.03 Iċ-Ċermen Michael La Rosa ssekondah.

**37.08 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti**

37.08.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni.

37.08.02 Il-Membru Joe Oliva u l-Membru Maria Dolores Falzon astjenew minħabba li ma jridux jieħdu responsabbiltà' fuq il-pagamenti u minħabba li għandhom i d-dubju fuq il-kwalità tax-xogħol

37.08.03 Iċ-Ċermen Michael La Rosa ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti.

37.08.04 Il-Membru Richard Scicluna ssekondah.

37.08.05 Il-Kumitat qabel unanimament.

**37.09 Materji oħra**

37.09.01 Ma kienx hemm materji oħra.

**37.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

37.10.01 Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 07 ta' Frar 2018 fl-4.00p.m.

37.10.02 Il-laqgha ntemmet fil-5.05p.m.

**Michael La Rosa**
**Ċermen**

**Paul Spiteri**
**Segretarju Eżekuttiv**